MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum l-1 ta' Frar, 2017

Mandat ta' Inibizzjoni numru: 1690/16/1LM

**Falcon Funds Sicav plc (SV 295)**

**vs**

**Emil Amir Ingmanson (K.I. 75465A)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-16 ta' Novembru, 2016 mis-soċjetà rikorrenti **Falcon Funds Sicav plc** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti"), fejn jintqal dan li ġej:

*"Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari*

- *Il-"penthouse" bl-arja tagħha, internament bin-numru disgħa (9) li qiegħda fit-tlettax-il sular tal-binja mill-livell tal-garaxx t'isfel 'l fuq ("floor level thirteen (13) (reckoned in terms of building from the lower garage level upwards)") tal-korp tal-bini bl-isem "The Trend" li jġib in-numru uffiċjali mitejn u disgħa u tletin (239) ittra 'C' fi Triq it-Torri, Tas-Sliema; u*
- *Iż-żewġ parkeġġi ossia "one-car garage spaces" internament bin-numri ħamsa u erbgħin (45) u sitta u erbgħin (46) li qegħdin fir-raba' sular tal-binja li jiġi mal-livell tat-triq, drabi oħra deskritt bħala "Level 0 (zero)" fil-kumpless ta' garaxxijiet sottostanti l-korp ta' bini suriferit u li jiffurmaw parti minn kumpless ta' garaxxijiet li jġib in-numru uffiċjali erbgħa (4) fi Triq Guzè Howard, Tas-Sliema. Iż-żewġ parkeġġi msemmija huma adjaċenti għal xulxin, għandhom forma rettangolari u kejl globali ta' tlieta u għoxrin punt żero ħamsa metri kwadri (23.05 sq.m.) u huma aċċessibbli mill-Majjistral mill-passaġġ komuni fl-istess kumpless ta' garaxxijiet u jikkonfinaw mill-Majjistral mal-istess passaġġ komuni u mill-Grigal u l-Lbiċ mill-kumplament tal-kumpless ta' garaxxijiet;*

*Kif aħjar deskritti fl-att tal-akkwist ippubblikat min-Nutar Joseph Abela fit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) anness u mmarkat Dok. A*[1]*, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom;*

*Illi s-soċjetà rikorrenti hija skema tal-investiment awtorizzata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") bħala UCITS Scheme taħt id-direttiva UCITS (Direttiva 2009/65/EC kif emendata bid-Direttiva 2014/91/EU) prinċipalment għall-investimenti ta' pensjonanti Żvediżi tramite l-aġenzija Governattiva Żvediża, l-iSwedish Pension Agency ("SPA");*

*Illi s-soċjetà rikorrenti qabbdet lis-soċjetà Temple Asset Management Limited (reġistrata Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C52606 ("TAM") bħala manager biex*

[1] A fol. 4 sa 15 tal-proċess.

*tiġġestixxi l-attiv u l-investimenti tas-soċjetà rikorrenti skont skrittura privata (ossia "Management agreement");*

*Illi TAM hija debitament awtorizzata għal dan il-għan mill-MFSA taħt l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Illi l-intimat kien il-promotur oriġinali tas-soċjetà rikorrenti u agixxa ta' "introducer" billi ħajjar lill-imsemmija TAM sabiex tidħol f'diversi investimenti f'isem is-soċjetà rikorrenti;*

*Illi riċentement irriżulta lir-rikorrenti illi l-intimat kellu u/jew għad għandu interessi f'varji soċjetajiet li fihom saru investimenti mill-imsemmija TAM għan-nom tar-rikorrenti fuq proposta tal-intimat u liema interessi, minkejja li kienu eżistenti meta ġew proposti l-varji investimenti, ma ġewx debitament żvelati lis-soċjetà rikorrenti;*

*Illi għalhekk meta l-intimat ppropona lil TAM sabiex tagħmel investimenti f'isem is-soċjetà rikorrenti, liema investimenti huwa kellu interessi li ma ġewx żvelati lir-rikorrenti, huwa aġixxa b'qerq u in mala fede sabiex jippromwovi l-interessi tiegħu a skapitu tal-interessi tar-rikorrenti;*

*Illi konsegwenza tal-aġir qarrieqi u abbusiv tal-intimat, is-soċjetà rikorrenti sofriet danni patrimonjali estensivi, konsistenti f'telf ta' investimenti illi rriżulta mill-imsemmi aġir tal-intimat;*

*Illi fost investimenti oħra li ppropona l-intimat u li fihom kellu interessi li ma ġewx iddikjarati kif ġia ingħad, is-soċjetà rikorrenti investiet is-somma ta' għaxar miljun Ewro (€10,000,000), tramite TAM, fi strument ta' investiment negozjabbli fuq il-European Wholesale Securities Market ("EWSM") li huwa "suq regolat" tal-Unjoni Ewropea skont id-direttiva 2004/39/EC Markets in Financial Instruments Directive ("MiFID") u awtorizzat mill-MFSA taħt l-Att Dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345 tal-Liġijiet ta' Malta); Il-EWSM huwa suq imwaqqaf bi sħab bejn il-Malta Stock Exchange p.l.c. u l-Irish Stock Exchange p.l.c.;*

*Illi l-istrument ta' investiment imsemmi jġib l-isem ta' "Solid Venture P2P" u nħareġ mis-soċjetà Delta 1 Securities p.l.c. (reġistrata Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C 59190);*

*Illi dan l-investiment ġie impjegat f'avvanz ta' flus fis-soċjetà Solid Venture Capital Ltd ta' 169, High Rd, London N12 QA8 (reġistrata l-Ingilterra b'numru ta' reġistrazzjoni 05179108) ("Solid Venture");*

*Illis s-soċjetà rikorrenti ma kenitx taf li kien hemm konnessjoni bejn l-intimat u Solid Venture fil-mument li fih sar l-investiment de quo f'Solid Venture P2P, anzi kienet assigurata li din il-konnessjoni ma kenitx teżisti jew li ma kenitx għadha tissussisti fil-mument li fih sar l-investiment inkwistjoni;*

*Illi madankollu riċentement is-soċjetà rikorrenti saret taf illi l-MFSA ntalbet mill-SPA sabiex tinvestiga l-kunflitt ta' interess li kellu l-intimat inkwantu l-istess intimat, illi oriġinarjament kien il-promotur tas-soċjetà rikorrenti kif ingħad, ippropona numru ta' investimenti sabiex TAM tidħol fihom f'isem ir-rikorrenti, liema investimenti kellu interess fihom huwa stess u għalhekk inqeda mis-soċjetà rikorrenti b'mod qarrieqi u abbużiv sabiex jiffinanzja jew jaġevola l-attivitajiet tiegħu stess;*

*Illi in segwitu għall-investigazzjoni suriferita s-soċjetà rikorrenti saret taf illi l-intimat pprokura l-investiment f'Solid Venture P2P magħmul minn TAM f'isem is-soċjetà rikorrenti biex flus minn dan l-investiment jiġu impjegati għal finanzjament ta' Solid Venture fejn l-istess intimat kellu interess, liema interess kif ingħad ma ġiex iddikjarat lis-soċjetà rikorrenti anzi, nżamm mistur minnha kemm fil-mument li fih sar l-investiment inkwistjoni u kemm sussegwentement;*

*Illi jirriżulta li Solid Venture għamlet investiment f'soċjetà oħra bl-isem ta' Trust Buddy AB ("Trust Buddy") fl-Iżvezja li falliet għall-ħabta ta' Ottubru 2015, jiġifieri ftit żmien wara li Solid Venture rċeviet flus provenjenti mill-investiment f'Solid Venture P2P magħmul minn TAM għan-nom tas-soċjetà rikorrenti;*

*Illi bil-falliment ta' Trust Buddy, Solid Venture soffriet telf patrimonjali li min-naħa tiegħu wassal biex l-investiment li għamlet is-soċjetà rikorrenti f'Solid Venture P2P ibati telf inġenti huwa wkoll;*

*Illi l-falliment ta' Trust Buddy ġie rrappurtat mill-media Żvediża u dan wassal biex l-SPA talbet lill-MFSA sabiex tinvestiga l-każ għar-raġunijiet fuq spjegati;*

*Illi llum irriżulta lis-soċjetà rikorrenti li l-intimat kellu interess li jsir l-investiment f'Solid Venture P2P mis-soċjetà rikorrenti għaliex hu stess kellu interess f'Solid Venture;*

*Illi l-intimat ma għarrafx lis-soċjetà rikorrenti bl-interess tiegħu f'Solid Venture u għalhekk qarraq bis-soċjetà rikorrenti billi naqas milli jagħtiha l-informazzjoni sħiħa dwar l-interessi tiegħu fl-investimenti propost minnu f'Solid Venture P2P meta ħajjar lil TAM, sabiex tidħol f'dan l-investiment f'isem is-soċjetà rikorrenti, anzi s-soċjetà rikorrenti kienet assigurata li din il-konnessjoni ma kenitx teżisti jew li ma kenitx għadha tissussisti fil-mument li fih sar l-investiment inkwistjoni;*

*Illi sussegwentement irriżulta illi l-intimat mhux biss kellu interess f'Solid Venture fil-mument li fih sar l-investiment minn TAM iżda addirittura rriżulta illi meta TAM talbet biex isir l-fidi ta' dak l-investiment, minkejja l-assikurazzjoni surifertita li ngħatat lir-rikorrenti minn TAM u mill-intimat, kien l-istess intimat li ddetermina l-ammont li Solid Venture kellha tħallas fuq il-fidi ta' dak l-investiment u liema fidi fisser telf ta' €2,707,216 oltre spejjeż ulterjuri sofferti mir-rikorrenti (Dok.C);*

*Illi b'riżultat tal-aġir qarrieqi u in mala fede tal-intimat kif ingħad, is-soċjetà rikorrenti soffriet danni patrimonjali inġenti konsistenti f'telf ta' żewġ miljuni, seba' mija u sebat elef, mitejn u sittax-il Euro (€2,707,216) oltre spejjeż ulterjuri mill-investiment tagħha f'Solid Venture P2P, għal-liema danni għandu jwieġeb l-intimat;*

*Illi s-soċjetà rikorrenti għandha interess illi tirkupra mingħand l-intimat d-danni sofferti minnha sabiex tittutela l-investimenti tal-azzjonisti tagħha, li huma primarjament pensjonanti Żvediżi li investew fis-soċjetà rikorrenti tramite l-SPA;*

*Illi huwa għalhekk meħtieġ li din l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-intimat milli jagħmel kwalsiasi trasferiment jew milli jiddisponi xorta oħra mill-proprjetà fuq imsemmija b'mod li s-soċjetà rikorrenti ma jkollhiex minn fejn tirkupra l-flejjes kollha li tilfet bi ħtija tal-intimat u liema flejjes s-soċjetà rikorrenti sejra tirreklama mingħand l-intimat permezz ta' kawża li għandha tiġi ppreżentata entro t-terminu prefiss mill-liġi;*

*Illi in oltre għar-raġunijiet fuq spjegati huwa meħtieġ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' dan il-mandat provviżorjament b'effett immedjat."*

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta’ Novembru, 2016 fejn wara li rat l-artikoli 874 u 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, laqgħet it-talba provviżorjament, irriżervat li tipprovdi b’mod definittiv fi stadju ulterjuri, appuntat ir-rikors għas-smigħ u ordnat in-notifika tar-Rikors u tad-Digriet lill-intimat, għar-risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta’ Jannar, 2017, fejn l-avukati difensuri tal-intimat, taw ruħhom b’notifikati bir-Rikors għall-intimat u għaddew *seduta stante* kopja tar-Risposta tal-intimat lill-avukati difensuri tas-soċjetà rikorrenti, li kienet ġiet ippreżentata fir-Reġistru fis-6 ta’ Jannar, 2017.

Rat ir-Risposta tal-intimat **Emil Amir Ingmanson** (minn issa ’l quddiem “l-intimat”) li laqgħet għar-Rikors b’dan il-mod:

*“Illi in ottemperanza mad-Digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tad-19 ta’ Novembru, 2016, l-esponenti qiegħed jippreżenta r-risposta odjerna:*

***PREMESSI***

*Illi in forza tal-mandat odjern ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna illi l-intimat għandu jinżamm milli jbigħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b’titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà u b’mod partikolari l-penthouse bl-indirizz “The Trend”, 239 C, Tower Road, Sliema, stante li l-entità rikorrenti qed tirreklama pretensjoni għall-ħlas tas-somma ta’ żewġ miljuni, seba’ mija u sebat elef mitejn u sittax-il Euro (€2,707,216.00) rappreżentanti danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti, bħala parti minn somma akbar li għadha trid tiġi likwidata, konsistenti f’telf minn investimenti.*

***PRINĊIPJI LEGALI***

1. *Illi l-proċedura ittentata mir-rikorrent hija bbażata fuq l-Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi li fis-sub-artikolu 2 is-segwenti:*

   *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex iħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti,* ***u*** *li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

2. *Illi l-għan tat-talba odjerna għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija li żżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat, u għal dan il-għan ir-rikorrenti jrid jipprova li mad-daqqa t'għajn (prima facie) huwa għandu dan il-jedd, u li tali mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarrsu l-jeddijiet tiegħu, b'dan li jkun hemm il-biża' li jekk ma jinħariġx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef għal dejjem.*

3. *Illi għalhekk jidher ċar li l-elementi rikjesti sabiex jiġi spedit Mandat ta' Inibizzjoni huma: -*

   *(a) Illi jkun jidher prima facie li min jitlob il-ħruġ tal-mandat għandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi ħaġa li biha jista' jirrekalu ħsara jew molestja;*

   *(b) Il-Mandat* (recte) *huwa neċessarju sabiex jiġi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux sempliċiment biex jiġu evitati danni, li jistgħu dejjem jiġu kwantifikati u rimedjati b'azzjoni ad hoc.*

   *Dawn il-kondizzjonijiet huma kumulattivi.*

4. *Illi il-proċedura bil-mandat ta' inibizzjoni hija waħda ta' natura eċċezzjonali u l-Qorti fil-konsiderazzjoni tal-istess għandha tiddeċiedi mhux il-mertu tal-kwistjoni, iżda biss fuq bażi ta' prima facie u dan stabbilit b'mod oġġettiv; li l-intimat ikun qed jagħmel atti li qed jikkawżaw ħsara lir-rikorrenti, u jekk ma jinħariġx tali mandat id-drittijiet tar-rikorrenti jiġu irrimedjabbilment ippreġudikati.*

***APPLIKATI L-PRINĊIPJI LEGALI GĦAL FATTI***

***Il-Jedd Pretiż***

5. *Illi r-rikorrenti qiegħda tibbaża t-talba tagħha għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fuq il-fatt illi, skont hi, soffriet xi danni riżultanti minn telf minn investimenti konsegwenza ta' aġir qarrieqi, abbużiv u in mala fede tal-intimat li personalment induċa lir-rikorrenti illi tagħmel investimenti f'fondi jew soċjetajiet li l-istess intimat kellu interess fihom, liema interess ma ġiex dikjarat u żvelat lis-soċjetà rikorrenti fi żmien waqtu.*

6. *Illi mill-qari tal-mandat odjern, ma jirriżultax x'ness ġuridiku u fattwali jeżisti bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimat, u wisq anqas ma tirriżulta l-bażi tat-talba li qed tiġi avvanzata mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat għall-ħlas ta' danni. Illi għalkemm huwa minnu li l-oneru tal-prova li jinkombi fuq ir-rikorrenti in rigward dawn il-proċeduri huwa sal-livell ta' prima facie, madankollu, jispetta lill-entità rikorrenti illi tissostanzja t-talba tagħha, u fin-nuqqas li jsir dan, allura t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat odjern għandha tiġi respinta. Illi dan qed jiġi rilevat ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti għandu jingħata d-dritt u l-opportunità illi jiddefendi ruħu adegwatament f'dawn il-proċeduri, liema dritt qed jiġi mċaħħad minnu ġialadarba ma jirriżultax mill-atti l-bażi tat-talba tar-rikorrenti. Illi huwa evidenti illi din ir-retiċenza tas-soċjetà rikorrenti milli tissostanzja t-talba tagħha sar malizzjosament mill-istess rikorrenti, għaliex biex ressqet talba għall-ħlas ta' ammont daqstant speċifiku – li mhix somma żgħira u lanqas ċifra approssimattiva – allura neċessarjament isegwi illi r-rikorrenti qed tibbaża t-talba tagħha fuq kalkoli preċiżi, partikolarment ladarba tali ċifra hija konfermata bil-ġurament tar-rappreżentanti tagħha! Illi f'dan ir-rigward, jiġi rilevat ukoll illi r-rikorrenti lanqas ħasset il-ħtieġa illi tressaq prova dwar l-involviment u l-kwalità rappreżentattiva li permezz tagħha qed jaġixxu r-rappreżentanti li kkonfermaw il-kontenut ta' dan ir-rikors bil-ġurament tagħhom; illi għalhekk, u fl-ewwel lok, għandu jiġi pprovat a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-individwi li kkonfermaw il-kontenut tar-rikors bil-ġurament tagħhom, huma debitament awtorizzati li jaġixxu fi kwalità rappreżentattiva għan-nom u in rappreżentanza tal-entità rikorrenti.*

7. *Illi għalhekk, u fin-nuqqas ta' provi u dokumentazzjoni sabiex ir-rikorrenti ssostni t-talba tagħha, it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat odjern għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti, għaliex mill-kumplament tali talba ma tistax titqies ħlief bħala waħda frivola u vessatorja.*

8. *Illi kif ġia ġie rilevat aktar 'l fuq, jeħtieġ illi s-soċjetà rikorrenti tipprova a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan per lo meno sal-grad tal-prima facie, illi teżisti relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet kontendenti. Illi dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi l-intimat m'għandu – u qatt ma kellu – ebda konnessjoni mar-rikorrenti, kemm taħt forma kuntrattwali jew taħt ebda forma oħra, u li konsegwentement l-esponenti ma seta' irreka u kkawża ebda danni lis-soċjetà rikorrenti. Illi l-esponenti qatt ma kellu ebda involviment fit-twaqqif, tmexxija u operat tal-entità rikorrenti, u dan kif jista' jiġi konfermat mid-diretturi tal-entità rikorrenti.*

9. *Illi inoltre jkun opportun illi jiġi rilevat, u dan mingħajr preġudizzju għas-sueċċepiet, illi s-soċjetà rikorrenti qatt ma inkarigat is-servizzi tal-esponenti – jew ta' xi soċjetà li l-intimat seta' kellu xi involvement fiha – sabiex tipprovdi konsulenza u tamministra l-investimenti tagħha. Illi se mai kienet is-soċjetà Temple Asset Management Limited (C 52606) li ġiet inkarigata mis-soċjetà rikorrenti sabiex tamministra l-investimenti tal-istess entità rikorrenti, u l-esponenti qatt ma kellu ebda konnessjoni ma' u/jew involviment f'din is-soċjetà u dan kif jirriżulta mill-estratt mis-sit elettroniku tal-Malta Financial Services Authority, li kopja tiegħu qed tiġi hawn mehmuża (Dok. A).[2] Illi għalhekk ċertament ma jistax jiġi attribwit lill-esponenti xi aġir frawdolenti u/jew qarrieqi, ġialadarba ma kellu ebda konnessjoni – diretta jew indiretta – la mas-soċjetà rikorrenti u lanqas ma dik amministratriċi, u ċioè Temple Asset Management Limited.*

10. *Illi f'dan ir-rigward ikun opportun illi ssir referenza għal dak li ġie dikjarat mis-soċjetà rikorrenti fil-mandat odjern, fejn stqarret illi: "… l-intimat … personalment induċa lir-rikorrenti illi tagħmel investimenti f'fondi …". Illi tali dikjarazzjoni hija kompletament żbaljata u erroneja, inkwantu s-soċjetà rikorrenti inkarigat is-servizzi ta' Temple Asset Management Limited, fejn din tal-aħħar kellha r-rwol speċifiku u esklussiv li tagħmel l-investimenti u tamministra l-investimenti tas-soċjetà rikorrenti. Kwindi tali dikjarazzjoni li*

---

[2] A fol. 40 sa 42 tal-proċess, li juri li d-diretturi u l-azzjonisti ta' Temple Asset Management Limited huma John Walker Christmas u John Anthony Farrell.

*fuqha qed jiġi bbażat il-mandat odjern hija, fiha nnifisha, żbaljata u intiża sabiex tiżgwida lil din l-Onorabbli Qorti.*

11. *Addirittura, f'kawża illi ġiet istitwita quddiem il-Qrati Żvediżi mis-soċjetà rikorrenti kontra l-Awtorità Żvediża tal-Pensjonijiet fil-11 ta' Lulju, 2016, kopja ta' liema ċitazzjoni hija hawn mehmuża bit-traduzzjoni għal-lingwa Ingliża (Dok. B)*[3]*, is-soċjetà rikorrenti qiegħda hija stess tafferma illi l-esponenti qatt ma kellu kariga fis-soċjetà rikorrenti. Illi f'dan ir-rigward issir referenza speċifika għall-klawsola numru 2.6.13 ta' dan l-att ġudizzjarju, fejn is-soċjetà rikorrenti stess iddikjarat is-segwenti: "In the meantime, on May 18, 2016, the Pension Agency reported to Falcon that the select stop persisted, now referring that the MFSA must complete the investigation of the alleged conflict of interests. The Pension Agency said that some designated person, Emil-Amir Ingmansson, could be involved in some of Falcon's investment decisions while he had personal interests in these investments. Falcon has denied that Ingmansson is the owner or a Falcon representative, as well as his participation in the funds' investment decisions. To date, MFSA has found no such conflict of interests."*

12. *Illi anke fi klawsola 3.9.2 tal-istess att hemm dikjarat kif ġej: "The mentioned person, Emil-Amir Ingmansson, holds no official position in Falcon and does not represent Falcon. It remains unclear on what the Pension Agency bases its allegations of Ingmansson's participation in the funds' investment decisions, or how Ingmansson otherwise would take part in Falcon's operating activities."*

13. *Illi minn tali klawsola jirriżulta kjarament u l-istess soċjetà rikorrenti ddikjarat ex admissis illi l-esponenti ma kellu ebda rwol fil-operat tal-attivitajiet kummerċjali tas-soċjetà rikorrenti u lanqas fid-deċiżjonijiet dwar fejn is-soċjetà rikorrenti għandha tagħmel l-investimenti.*

14. *Illi jsegwi għalhekk illi jirriżulta kjarament, u per iskritt, konflitt dirett bejn dak li ġie dikjarat permezz tal-mandat odjern, fejn is-soċjetà rikorrenti qed tallega illi l-esponenti aġixxa b'mod frawdolenti u qarrieqi a dannu tagħha, meta f'att ġudizzjarju preċedenti l-istess soċjetà rikorrenti ex admissis iddikjarat kategorikament illi l-intimat m'għandu ebda konnessjoni magħha, u wisq inqas xi involviment fl-amministrazzjoni tal-assi u investimenti tagħha, u fid-*

[3] A fol. 43 sa 81 (klawsola 3.9.1 u 2 a fol. 53).

*deċiżjonijiet dwar fejn is-soċjetà rikorrenti għandha tagħmel l-investimenti. Illi tali nuqqas ta' konsistenza timmilita u tissostanzja t-teżi tal-esponenti, u ċioè illi ma teżisti ebda konnessjoni u relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet kontendenti, u wisq anqas illi kien hemm xi aġir qarrieqi, abbużiv u in mala fede da parti tal-esponenti.*

15. *Illi fi kwalunkwe każ, u għalkemm tali proċeduri huma sal-livell ta' prima facie, jeħtieġ illi kwalunkwe allegazzjoni li tiġi mressqa mir-rikorrenti għandha tiġi sostanzjata. Illi jiġi rilevat illi anke minn stħarriġ illi sar mir-regolatur, u ċioè il-Malta Financial Services Authority, ma rriżulta li kien hemm ebda irregolarità inkwantu tali investimenti kienu konformi mal-liġi, u dan kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni hawn mehmuża (Dok.C).*[4] *Illi għalhekk huwa evidenti illi r-rikorrenti qed tagħmel tentattivi li huma kompletament mingħajr bażi legali u fattwali, sabiex tattribwixxi u taddossa fuq l-intimat nuqqasijiet tagħha stess, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u trattazzjoni ta' dan il-mandat.*

16. *Illi l-esponenti jissottometti bl-akbar rispett illi dak illi għandha tisħarreġ din l-Onorabbli Qorti, għall-inqas fuq livell ta' prima facie, huwa jekk is-soċjetà rikorrenti qatt inkarigatx is-servizzi tal-intimat* (recte) *– jew ta' xi soċjetà li l-intimat seta' kellu xi involviment fiha – sabiex tamministra l-investimenti tagħha, għaliex huwa biss jekk dan il-fatt huwa minnu li allura jista' possibbilment, prima facie, jkun hemm il-jedd illi qiegħed jiġi vantat mis-soċjetà rikorrenti.*

17. *Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi u kunsiderazzjonijiet, senjatament illi ma teżisti ebda konnessjoni ġuridika bejn il-partijiet kontendenti, allura jsegwi illi l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-effetti tal-mandat odjern inkwantu rivolti fil-konfront tiegħu, stante illi l-bażi ssolevata mir-rikorrenti stess fir-rikors tagħha, hija nieqsa mill-jedd meħtieġ sabiex jiġi ġġustifikat l-ħruġ tal-mandat odjern.*

18. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq rilevat, u in subsidium, jerġa' jiġi rilevat illi l-esponenti qatt ma seta' induċa lir-rikorrenti sabiex tagħmel investimenti f'fondi jew soċjetajiet li l-istess intimat kellu interess fihom, għaliex; (i) fl-ewwel lok, kienet is-soċjetà Temple Asset Management Limited illi kellha r-rwol u inkarigu speċifiku illi tagħmel tali investimenti, u mhux is-*

[4] A fol. 82 tal-proċess datata 19 ta' Mejju, 2016.

*soċjetà rikorrenti, u (ii) illi kif ġie dikjarat mis-soċjetà rikorrenti fl-azzjoni li pproponiet ġewwa l-Iżveżja, ir-rikorrenti ma kellu ebda rwol fit-teħid ta’ deċiżjonijiet dwar x’investimenti għandhom isiru u l-operat u amministrazzjoni tal-investiment, u għalhekk qatt ma jista’ jiġi meqjus illi kien hemm xi kunflitt ta’ interess. Illi kunflitt ta’ interess ġie definit mill-**Black’s Law Dictionary** bħala: “A term used in connection with public officials and fiduciaries and their relationship to matters of private interest or gain to them.” Illi għalhekk, u ġialadarba l-esponenti ma kien jokkupa ebda kariga fiduċjarja fi ħdan la s-soċjeta’ rikorrenti, u lanqas f’dik li ġiet affidata bl-amministrazzjoni tal-investimenti tagħha – u ċioe’ Temple Asset Management Limited – allura tali allegazzjoni hija kompletament infondata u bla bażi.*

***Irrimedjabilità***

19. *Illi mir-rikors odjern mhuwiex ċar x’inhuwa l-preġudizzju irrimedjabbli illi r-rikorrenti qiegħda tallega illi ser tbati f’każ illi dan il-Mandat ma jintlaqax b’mod definittiv.*

20. *Illi f'dan ir-rigward hija ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi t-tielet rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat (ċjoè li l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent) mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-preġudizzju soffert mir-rikorrenti jista' jiġi sanat bil-ħlas ta' danni. Dan għaliex ir-rikorrent għandu l-ewwel nett iġib prova illi l-ħruġ tal-mandat huwa tassew meħtieg - jekk ir-rikorrenti jkollu rimedju eventwali permezz ta' kawża għal danni ma jkollux jedd li jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Għaldaqstant in vista ta’ dak kollu suespost, dan il-Mandat għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-mandat.

Semgħet ix-xhieda prodotti mis-soċjetà rikorrenti u ċjoè **Dr Christopher Buttigieg**, Direttur tas-Securities, Market Supervision Unit tal-MFSA, li għażel li ma jirrispondix għal xi domandi minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità u dan peress li l-investigazzjoni tal-MFSA għadha pendenti[5] u **Tonio Fenech**, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, u x-xhieda imtellgħa mill-intimat, u ċjoè **Dr Claudette Fenech**, *legal officer, Registry of Companies, MFSA* u **Philip Eaton Richards**, rappreżentant tal-MPG Asset Management Group.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-24 ta' Jannar, 2017, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali.

## <u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>

Illi s-soċjetà rikorrenti hija skema ta' investiment awtorizzata mill-Malta Financial Services Authority (MFSA) bħala *UCITS Scheme* prinċipalment għall-investiment ta' pensjonanti Żvediżi tramite l-aġenzija governattiva Żvediża, is-Swedish Pension Agency (SPA). Is-soċjetà rikorrenti inkarigat lis-soċjetà Temple Asset Management Limited bħala *fund manager,* permezz

[5] Vide Dok. CF 1 a fol. 240 tal-proċess, fejn l-MFSA ħatret ai termini tal-artikolu 15A tal-Investment Services Act b'effett mill-11 ta' Jannar, 2017 lill-KPMG Malta bħala *"competent person"* biex pendenti l-investigazzjoni tal-MFSA *inter alia* tieħu kontroll tal-assi tal-Iskema bl-iskop li jiġu salvagwardjati l-interessi tal-investituri fis-sub-funds tal-Iskema u tassumi kontroll tal-operat tal-Iskema.

ta' *management agreement* (kif awtorizzata mill-MFSA), sabiex tiġġestixxi l-attiv u l-investiment tas-soċjetà rikorrenti. Jirriżulta mid-dokumentazzjoni esebita li wara r-rikors odjern, is-soċjetà rikorrenti istitwiet kawża (Rikors Maħluf Numru 1107/2016/SM) kontra l-istess Temple Asset Management Limited minħabba allegati irregolaritajiet fil-ġestjoni tal-investimenti ta' dawn il-*funds* kif ukoll kontra l-intimat odjern li kien il-promotur oriġinali tas-soċjetà rikorrenti, u li ppropona lil Temple Asset Management Limited biex tagħmel ċerti investimenti f'isem is-soċjetà rikorrenti odjerna, li kienu fi strument ta' investiment partikulari, liema investiment ġie impjegat f'soċjetà (Solid Venture Capital Limited reġistrata l-Ingilterra), f'liema investiment l-intimat odjern allegatament kellu interessi li ma ġewx żvelati lis-soċjetà rikorrenti. Min-naħa tagħha din il-kumpanija investit f'kumpanija oħra li falliet u l-investimenti li saru f'Solid Venture Capital Limited ġarrbu telf ta' €2,707,216. Sabiex tħares l-investimenti tal-azzjonisti tagħha, is-soċjetà rikorrenti bl-imsemmija kawża qiegħda titlob li tirkupra d-danni sofferti minnha kemm mingħand Temple Asset Management Limited u kif ukoll mingħand l-intimat odjern li allegatament kellu kunflitt ta' interess u aġixxa b'qerq u in *mala fede* sabiex jippromwovi l-interessi tiegħu a skapitu tal-interessi tas-soċjetà rikorrenti.

Illi bil-proċeduri odjerni s-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ("il-Mandat") kontra l-intimat, bl-iskop illi dan jinżamm milli ibigħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu proprjetà li għandu konsistenti f'*penthouse* u żewġ *one car garage spaces,* f'Tas-Sliema. Dan sabiex jiġu kkawtelati l-jeddijiet pretiżi

mis-soċjetà rikorrenti fl-imsemmija kawża (Rikors Maħluf Numru 1107/2016/SM) fir-rigward tal-intimat (il-konvenut f'dik il-kawża) u ċjoè sabiex is-soċjetà rikorrenti jkollha minfejn tirkupra l-flejjes kollha li allegatament tilfet bi ħtija tal-intimat fl-eventwalità li dik il-kawża jkollha eżitu pożittiv għaliha.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi r-Rikors odjern qiegħed jintalab abbażi tal-artikolu 874 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid kif ġej:

> "874. (1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."

Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l'hekk imsejjaħ *periculum in mora;*

(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et* vs. Carmelo Barbara *et***[6]:

[6] P.A., 13.05.2014.

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min

għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le;

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-

> jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.";[7]

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[8];

(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>: Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti sejra tqis kif dawn il-prinċipji legali elaborati mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, għandhom jiġu applikati għall-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti tul il-proċedura odjerna.

[7] P.A., 25.01.2005.
[8] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008

**<u>Il-jedd pretiż *prima facie*</u>**

Il-pretensjoni li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tfittex li tikkawtela bil-ħruġ tal-Mandat huma d-danni li hija tippretendi li għandha tirkupra mingħand l-intimat fil-proċeduri odjerni minħabba li skont l-istess soċjetà rikorrenti meta l-intimat ippropona lil Temple Asset Management Limited sabiex tagħmel ċerti investimenti f'isem is-soċjetà rikorrenti, f'liema investimenti huwa kellu interessi li ma ġewx żvelati lir-rikorrenti, huwa allegatament aġixxa b'qerq u in *mala fede* sabiex jippromwovi l-interessi tiegħu a skapitu tal-interessi tas-soċjetà rikorrenti.

Illi l-intimat, li f'dawn il-proċeduri la deher biex jaħlef ir-risposta tiegħu u lanqas biex jagħti x-xhieda ġuramentata tiegħu, jilqa' għat-talbiet rikorrenti billi jsostni illi m'hemm ebda ness ġuridiku u fattwali bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimat u wisq inqas ma tirriżulta l-bażi għat-talba li qed tiġi avvanzata mis-soċjetà rikorrenti kontra l-intimat għall-ħlas ta' danni. L-intimat jgħid ukoll illi ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet kontendenti u l-intimat m'għandu u qatt ma kellu ebda konnessjoni mas-soċjetà rikorrenti, kemm taħt forma kuntrattwali jew taħt ebda forma oħra, u li konsegwentement l-intimat ma seta' rreka u kkawża ebda danni lis-soċjetà rikorrenti. L-intimat itenni illi huwa qatt ma kellu involviment fit-twaqqif, tmexxija, jew l-operat tas-soċjetà rikorrenti.

Illi tabilħaqq mid-dokumentazzjoni uffiċjali li ġiet prodotta mir-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpanniji fi ħdan l-MFSA[9], jirriżulta illi l-intimat formalment qatt ma kellu pożizzjoni formali fis-soċjetà rikorrenti. Madankollu mill-provi in atti jirriżulta li kien hemm konnessjonijiet ċari bejn l-intimat u s-soċjetà rikorrenti. Mill-provi mressqa mis-soċjetà rikorrenti li ma ġewx ikkontestati mill-intimat, jirriżulta illi għalkemm Emil Amir Ingmanson ma kienx la direttur u lanqas *shareholder* tas-soċjetà rikorrenti, din tal-aħħar kienet tikkolabora miegħu f'dik li hija d-distribuzzjoni tal-fond fir-rigward ta' swieq ġodda fl-Ingilterra u fin-Norveġja. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' **Tonio Fenech**[10], direttur tas-soċjetà rikorrenti, illi l-intimat kien qiegħed jippjana li eventwalment permezz tas-soċjetà Falcon Asset Management hekk kif din tiġi liċenzjata mill-MFSA, din tassumi r-rwol ta' *manager* tas-soċjetà rikorrenti. L-intimat kien l-promotur oriġinali tas-soċjetà rikorrenti u kien ser ikun ix-*shareholder* ta' Falcon Asset Management u kien ser ukoll ikun responsabbli mid-distribuzzjoni u mill-*business development* tagħha[11]. Dan ma seħħx biss purament minħabba l-fatt li s-soċjetà Falcon Asset Management ma ħarġitilix liċenzja mill-MFSA u minħabba f'hekk din kellha tagħlaq.

Illi l-intimat agixxa wkoll ta' *"introducer"* billi ħajjar lil Temple Asset Management Limited sabiex tidħol f'diversi investimenti f'isem is-soċjetà rikorrenti. **Philip Eaton Richards**[12], xhud prodott mill-intimat stess, xehed illi

[9] A fol. 240 sa 718 tal-proċess.
[10] A fol. 102 tal-proċess.
[11] A fol. 101 *et. seq*. tal-proċess.
[12] A fol. 723a sa 723e tal-proċess.

l-intimat kien *initial shareholder* ta' Falcon Asset Management u li din kellha tagħlaq minħabba li ma nħarġitilhiex liċenzja mill-MFSA.[13]

Tqis illi fuq livell *prima facie*, ġie ppruvat illi kien jeżisti ness fattwali bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimat, jekk xejn dawn kellhom *working relationship* imsejsa fuq rapport ta' fiduċja reċiproka illi fil-varji rwoli li l-intimat Emil Amir Ingmanson assuma jew li kien qiegħed ifittex li jassumi fir-rigward tas-soċjetà rikorrenti, huwa kien animat biss mill-aħjar interess tas-soċjetà rikorrenti u mill-ebda interess ieħor. Il-Qorti hija tal-fehma li f'azzjoni għad-danni allegatament sofferti mill-attriċi konsegwenza tal-aġir qarrieqi u abbużiv tal-konvenut, l-uniku ness ġuridiku bejn il-partijiet li jeħtieġ li jiġi stabbilit huwa n-ness bejn il-kawża u l-effett, ċjoè bejn l-att illeċitu tal-konvenut, f'dan il-każ l-allegat qerq, *mala fede*, aġir abbużiv eċċ u d-danni allegatament sofferti mill-attur.

Illi s-soċjetà rikorrenti resqet ukoll prova dokumentarja[14], l-awtentiċità ta' liema ma ġietx ikkontesta mill-intimat, li hija pjuttost rivelatorja għar-rigward ta' x'influwenza kellu l-intimat u f'liema livell kien l-indħil tiegħu fuq id-deċiżjonijiet meħuda minn Temple Asset Management dwar investiment ta' *funds* tas-soċjetà rikorrent. Dan id-dokument ġie elevat waqt *site inspection* mill-MFSA fl-uffiċini ta' Temple Asset Management bħala parti mill-investigazzjonijiet tagħha[15]. Is-soċjetà rikorrenti rċiviet kopja ta' dan id-

---

[13] A fol. 723c tal-proċess.
[14] Dok. C anness mar-rikors promotur, a fol. 16.
[15] Ara d-depożizzjoni ta' Dr Christopher Buttigieg, a fol. 96 tal-proċess.

dokument fuq struzzjonijiet tal-MFSA f'Ottubru 2016.[16] Dan id-dokument li jikkonsisti fi skambju ta' tliet e-mails datati 28.06.2016 u 29.06.2016, waħda indirizzata lill-intimat Emil Amir Ingmanson minn ċertu Andros Gregoriou (impjegat ta' Solid Venture) dwar "offer for the ETI", fejn, fost affarijiet oħra, qed jgħidlu li rċeva l-informazzjoni kollha għall-ETI u *"I attach a spreadsheet and the proposal letter for the deal, once you are happy with it, we send it to Anthony."* It-tieni email hija wkoll ta' Andros Gregoriou lil Anthony Farrell (wieħed mid-diretturi ta' Temple Asset Management Limited), fejn qed jgħidlu *"...find attached the offer letter plus the maths for the ETI. Please amend and send it to me, I will then sign and send to Andreas. Emil has approved it."* It-tielet email hija risposta ta' Farrell fejn qed jgħid *"Thanks Andros. Got a lot on today so will go over in detail tomorrow and revert."* Dan l-iskambju ta' emails, l-awtentiċità ta' liema ma ġietx ikkontestata mill-intimat, seħħ fi żmien meta kien jinħadem il-prezz tal-fidi (*redemption)* ta' dak li kien għad fadal minn Solid Venture P2P u jixhed li l-intimat Emil Amir Ingmanson baqa' involut f'Solid Venture P2P minkejja li kien irriżenja minn direttur tagħha f'Ottubru, 2015 u minkejja li Anthony Farell, direttur ta' Temple Asset Management, kien qed jiddikjara li Emil Amir Ingmanson ma kienx għad kellu l-ebda involiment f'Solid Venture.[17]

Tqis ukoll illi s-soċjetà rikorrenti rnexxielha tipprova, dejjem sal-livell *prima, facie*, illi ir-rapport ta' fiduċja li kien jeżisti bejn l-intimat u d-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, wasal f'punt ta' rottura, ossija ġie nieqes kompletament

[16] Ara d-depożizzjoni ta' Tonio Fenech, a fol. 113 tal-proċess.
[17] Ara d-depożizzjoni ta' Tonio Fenech, a fol. 107 u 108 tal-proċess.

meta s-soċjetà kisbet il-prova permezz tad-dokument esebit a fol. 16 tal-proċess, li l-intimat fir-rapporti informali u kontinwi li kellu mas-soċjetà Temple Asset Management Limited, il-*fund manager* tas-soċjetà rikorrenti, kellu influwenza kbira fuq id-deċiżjonijiet ta' Temple Asset Management.

Illi t-talba odjerna li qed issir f'livell *prima facie* għandha l-għan li l-assi immobbli tal-intimat jinżammu fil-pussess tiegħu sat-tmiem tal-kawża proprja dwar il-mertu. Il-Qorti tqis illi l-preġudizzju li tista' ssofri s-soċjetà rikorrenti jekk it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma tintlaqax b'mod definittiv, jista' jkun wieħed irrimedjabbli 'il għaliex mill-fatt li l-intimat ma kienx fiżikament preżenti biex jaħlef ir-risposta tiegħu u sabiex jagħti x-xhieda tiegħu bil-ġurament f'dawn il-proċeduri, jista' jiġi dedott illi l-intimat m'għandux preżenza permanenti u regolari ġewwa Malta u s-soċjetà rikorrenti m'għandha l-ebda serħan tal-moħħ illi jekk it-talbiet tagħha fil-kawża dwar il-mertu jiġu milqugħha, hija jkollha fuqhiex teżegwixxi t-titolu eżekuttiv tagħha.

Illi fi proċedura sommarja bħalma hija din, il-Qorti mhijiex mistennija li tagħmel indaġini profonda dwar il-fattispeċji u ċ-ċirkostanzi tal-każ billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd pretiż. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke

jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Illi għalhekk tqis illi mhuwiex il-kompitu tagħha illi fi proċedura sommarja bħalma hija din li tindaga fuq kwistjonijiet li jidħlu fil-qalba tal-mertu, bħal pereżempju jekk il-diretturi u l-*management* ta' Temple Asset Management Limited kinux konsapevoli jew le tal-allegat kunflitt ta' interess li kellu l-intimat Emil Amir Ingmanson jew agħar minn hekk kinux qegħdin jaġixxu f'kollużjoni miegħu. F'dan l-istadju il-Qorti lanqas ma tista' tiddetermina jekk hux tassew l-intimat ma kellu x'jaqsam xejn fid-deċiżjonijiet tas-soċjetà Temple Asset Management, il-*fund manager,* u jekk tabilħaqq dan tal-aħħar iddeċieda waħdu wara li għamel evalwazzjoni oġġettiva tal-proposta tal-investiment. Lanqas mhija mistennija l-Qorti fi proċedura sommarja bħal din tidħol fil-kwistjoni ta' jekk id-diretturi tas-soċjetà rikorrenti setgħux ikunu jafu li l-intimat kien involut fis-soċjetà Solid Venture P2P għax biex jikkorrispondi magħhom seta' għamel użu minn *email addres*s li kien jispiċċa bil-kliem *@solidventure.co.uk*. Fi kwalunkwe każ ma saritx il-prova illi l-intimat kien tassew jagħmel użu minn email address bħal dan.

Illi fl-aħħar nett tqis li r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni f'dan il-każ ġew pjenament sodisfatti mis-soċjetà rikorrenti, aktar u aktar meta jiġi kkunsidrat ukoll illi l-provi mressqin minnha bl-ebda mod ma kienu kkontestati mill-intimat stess, illi ma kkonfermax r-risposta tiegħu bil-

ġurament u di più għażel li ma jidhirx f'dan il-proċeduri sabiex jagħti x-xhieda tiegħu bil-ġurament.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija tqis illi *prima facie*, mad-daqqa t' għajn, is-soċjetà rikorrenti jidher li għandha jedd pretiż x'jiġi kkawtelat permezz tal-Mandat u għalhekk il-Qorti tilqa' b'mod definittiv it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżżomm lill-intimat milli jbigħ, ineħħi, jittrasferixxi, iċedi jew jiddisponi, bi kwalunkwe mod u jew titolu, kemm b'titolu oneruż jew titolu gratuwitu jew bi kwalsiasi titolu ieħor, u jew milli jikkostitwixxi kwalunkwe tip ta' dritt, kemm personali kif ukoll reali u milli jipoteka, jippermetti r-reġistrazzjoni ta' xi ipoteka u jew privileġġ, jaggrava jew jiddisponi b'xi mod ieħor: (i) il-*penthouse* bl-arja tagħha, internament bin-numru disgħa (9) li qiegħda fit-tlettax-il sular tal-binja mill-livell tal-garaxx t'isfel 'l fuq ("floor level thirteen (13) (*reckoned in terms of building from the lower garage level upwards*)") tal-korp tal-bini bl-isem "The Trend" li jġib in-numru uffiċjali mitejn u disgħa u tletin (239) ittra 'C' fi Triq it-Torri, Tas-Sliema; u (ii) iż-żewġ parkeġġi ossia *"one-car garage spaces"* internament bin-numri ħamsa u erbgħin (45) u sitta u erbgħin (46) li qegħdin fir-raba' sular tal-binja li jiġi mal-livell tat-triq, drabi oħra deskritt bħala "Level 0 (zero)" fil-kumpless ta' garaxxijiet sottostanti l-korp ta' bini suriferit u li jiffurmaw parti minn kumpless ta' garaxxijiet li jġib in-numru uffiċjali erbgħa (4) fi Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema. Iż-żewġ parkeġġi msemmija huma adjaċenti għal xulxin,**

**għandhom forma rettangolari u kejl globali ta’ tlieta u għoxrin punt żero ħamsa metri kwadri (23.05 sq.m.) u huma aċċessibbli mill-Majjistral mill-passaġġ komuni fl-istess kumpless ta’ garaxxijiet u jikkonfinaw mill-Majjistral mal-istess passaġġ komuni u mill-Grigal u l-Lbiċ mill-kumplament tal-kumpless ta’ garaxxijiet; kif aħjar deskritti fl-att tal-akkwist ippubblikat min-Nutar Joseph Abela fit-tnejn (2) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) anness u mmarkat Dok. A, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom.**

**Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja sabiex ai termini tal-Artikolu 874(3) tal-Kap. 12 jinnotifika fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet b’dan il-provvediment u bir-Rikors kif milqugħ inkluż l-abbozz ta’ nota ta’ iskrizzjoni li tinsab a fol. 17 tal-proċess.**

**Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura kontra l-intimat.**

Mogħti kameralment fl-1 ta’ Frar, 2017.